8 ta' Ottubru, 1954.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Avukat Dr. Alberto Ganado ne.**

**versus**

**Joseph Schembri.**

## Appoġġ — Att tal-Kummerċ — Kompetenza — Art. 87 (2) tal-Kap. 15.

*Biex tiġi radikata l-kompetenza tat-tribunal kummerċjali jeħtieġ illi jew l-att ikun fih innifsu essenzjalment kummerċjali, jew l-att ikun kummerċjali għall-konvenut; billi l-kawżi kollha ta' natura kummerċjali, jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ, tieħu konjizzjoni tagħhom il-Qorti tal-Kummerċ; u lill-istess Qorti tmiss kull azzjoni li titnissel mill-att li hu kummerċjali għall-konvenut biss.*

*Biex wieħed jara jekk l-att huwiex kummerċjali għall-konvenut hija importanti l-indaġini jekk l-istess konvenut kienx kummerċjant meta sar dak l-att; u, f'każ affermattiv, jekk l-att kienx kummerċjali għalih.*

*L-att ta' min ipoġġi l-bini tiegħu mal-ħajt tal-bini ta' ħadd ieħor mhux per se essenzjalment kummerċjali; imma jekk dak l-att ikun konness ma' operazzjoni tal-kummerċ tal-konvenut, dak l-att hu għalih kummerċjali, u l-azzjoni tal-kreditur għad-dritt ta' l-appoġġ kontra tiegħu tidħol fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attur fil-kwalitajiet tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta li l-atturi, bħala eredi ta' Lorenzo Sammut, huma proprjetarji tal-fond 11, Sqaq Fawwara, Tas-Sliema; illi l-konvenut bena ċ-ċinematografu l-ġdid fi Triq It-Torri, Tas-Sliema, u b'dan il-bini poġġa mal-ħajt tal-bini ta' l-atturi, u b'hekk irrenda komuni l-ħajt diviżorju ta' proprjetà ta' l-atturi mibni fuq art ta' l-istess atturi; u

illi l-Perit Arkitett Albert Vassallo għamel stima tad-dritt ta' appoġġ dovut lill-atturi, li, skond ir-relazzjonijiet tiegħu annessi (dok. B u C), jammonta għal £43. 18. 6; illi l-ispejjeż ta' l-istimi msemmijin jammontaw għal £2. 18 3; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallas, fil-kwalitajiet tiegħu fuq imsemmija, is-somma ta' £43. 18. 6 bħala kumpens għall-appoġġ fuq imsemmi, u s-somma ta' £2. 18. 3 spejjeż tar-relazzjonijiet imsemmijin, ammonti li l-konvenut obbliga ruħu li jħallas, jew kwalunkwe ammont verjuri, akbar jew iżgħar, li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-interessi legali minn notifika ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru 1953, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali u ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Ottubru 1953, kontra l-konvenut, li ġie inġunt għas-subizzjoni;

*Omissis*;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Gunju 1954, li biha laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u ddikjarat li hi inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine; wara li kkunsidrat;

Illi, biex tiġi radikata l-kompetenza tat-tribunal kummerċjali, jeħtieġ illi, jew l-att ikun fih innifsu essenzjalment kummerċjali, jew l-att ikun kummerċjali għall-konvenut, billi l-kawżi kollha ta' natura kummerċjali, jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ, tieħu konjizzjoni tagħhom il-Qorti tal-Kummerċ; u lill-istess Qorti tmiss kull azzjoni li titnissel mill-att li hu kummerċjali għall-konvenut biss (art. 37 (2) Kap. 15 LL. ta' Malta). U biex wieħed jara jekk l-att hux kummerċjali għall-konvenut, hija importanti l-indaġini jekk l-istess konvenut kienx kummerċjant meta sar dak l-att, u, f'każ affermativ, jekk dak l-att kienx għalih kummerċjali;

Illi mid-dibattitu orali jirriżulta illi l-konvenut hu u kien kummerċjant meta sar l-att imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dak, jiġifieri, li bih huwa poġġa mal-ħajt tal-bini ta' l-attur nomine. Għalhekk dak l-att mhux per sè essenzjalment kummerċjali, u għalhekk bħala tali ma jistax jingħad illi huwa proprjament kummerċjali; b'dan kollu, l-istess att hu kon-

ness ma' operazzjoni tal-kummerċ tal-konvenut, u għalhekk hu għalih kummerċjali;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi l-eċċezzjoni fuq imsemmija, sollevata mill-konvenut, tirriżulta ġustifikata;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti ta' l-attur nomine, li talab li jiġi definitivament stabbilit liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet premessi fl-imsemmija deċiżjoni tat-8 ta' Ġunju 1954, il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija dik tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Għaldaqshekk;

Tiddikjara li l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina hija dik kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża. Bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.